Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 414 / 2017

Il-Pulizja

(Spettur Trevor Micallef)

Vs

ommisses

Ruth Spiteri

Illum 22 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra ommisses u Ruth Spiteri, detentrici tal-karta tal-identita' 368679 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ruth Spiteri bhala l-komplici ta' ommisses (Artikolu 42(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) talli:

1. Fl-1 ta' Settembru, 2017 f' xi hin bejn is-06:30 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Solei, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk u dan ghad-dannu ta' Louis Grech u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzati aktar talli bejn is-06 ta' Settembru 2017 u t-08 ta' Settembru 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Selma, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta u dan ghad-dannu ta' Rabie Maloul u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Akkuzati aktar talli bejn il-11 ta' Settembru, 2017 u l-15 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 70, Triq Hida, Kappara, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Dr. Mario Cutajar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Akkuzati aktar talli bejn is-16 ta' Settembru 2017 u s-17 ta' Settembru 2017,m f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' erbgha cilindri tal-gass minn barra r-residenza 35, Petunia, Triq Tamal, San Giljan, u dan ghad-dannu ta' Claire McCoy u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Akkuzati aktar talli bejn is-17 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 14, Casa Fabriano, Triq ic-Cawsli, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 20, Triq Luigi Billion, Pembroke, ghad-dannu ta' Charles Vella u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra

r-residenza 158, Trqi Luigi Billion, Pembroke ghad-dannu ta' Mario Calleja u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Akkuzati aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f' hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 23, Triq it-Trincetta, Mosta u dan ghad-dannu ta' Fortunata Attard Cassar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017 f' hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn 08:00 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 225, Triq William Harding, Pembroke u dan ghad-dannu ta' Vincent Preca u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, Il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. Akkuzati aktar talli bejn it-2 t' Ottubru, 2017 u t-3 ta' Ottubru, 2017, f' hin bejn 12:00 p.m. u 02:00 p.m. ikkommettew serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Gizimina, Triq Thomas Ashby, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Ruth Klotzer u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

13. Akkuzati aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f' xi hin bejn il-05:00 pm u s-06:15 pm ikkommettew serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq Josef Kalleya, Swieq liema serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Angelo Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati t-tnejn flimkien talli fl-istess perjodu ta' zmien kisru l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienu nstabu hatja mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D.) fejn inghataw kundizzjoni biex ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja, u kkundannat lill-Ruth Spiteri piena ta' tmintax-il (18) xahar habs li permezz ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar.

In oltre l-Qorti poggiet lill-hatja Ruth Spiteri taht ordni ta' trattament kontra l-vizzju tad-droga ghal zmien sentejn (2) mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali kien interpona umli appell minn din is-sentenza nhar it-30 ta' Ottubru, 2017[1].

---

[1] Fol. 18 tal-atti processwali

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta' April 2019[2] moghtija fl-ismijiet premessi fejn annullat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ordnat li l-appellata terga titpogga fl-istess posizzjoni li kienet immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u dan biex terga tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Rat illi l-appellata kienet ghamlet talba quddiem din il-Qorti sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga pero b'sentenza moghtija minnha nhar it-12 ta' Novembru 2019 din it-talba giet michuda peress li hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga stante li l-piena applikabbli teccedi s-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8 (1) tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement cahdet it-talba taghha u ordnat li l-kaz jigi trattat fuq il-merti tal-appell.

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-2 ta' Gunju, 2020[3] fejn sabet lill-appellata Ruth Spiteri hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-proviso tal-artikolu 7 (2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-appellata Ruth Spiteri taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett snin minn dakinhar tas-sentenza skond id-digriet anness ma dik is-sentenza.

Oltre dan ai fini tal-imputazzjoni dwar il-ksur tal-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Artikolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini tal-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta baghtet lill-appellata Ruth Spiteri quddiem dik il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ghamlet l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dan sabiex titratta mal-hatja ghal dak ir-reat.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 7 (7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lil hatja fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkometti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u/jew ma toqghodx ghall-ordnijiet moghtija lilha.

[2] Fol. 49 tal-atti processwali
[3] Fol. 94 ta l-atti processwali

Ordnat ukoll li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-appellata kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehdu hsieb din l-Ordni tal-Probation.

Rat in-nota tas- Senior Probation Officer Carmen Nygard prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Gunju 2020 illi biha infurmat lil din l-Onorabbli Qorti li l-Ufficcjal tal-Probation Joanna Farrugia giet nominata biex issegwi lill-appellata matul l-Ordni tal-Probation skond is-sentenza tat-2 ta' Gunju 2020.

Semghet lill-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia tixhed nhar l-14 ta' Gunju 2021 fejn din spejgat li kien difficli ghaliha taghmel kuntatt ma Ruth Spiteri minhabba l-pandemija tal-COVID-19. Hija baghtet ittra lilha biex taghmel kuntatt maghha izda din naqset li taghmel tali kuntatt. Hija tat appuntament lill-appellata ghal nhar is-6 ta' Lulju 2021 izda dak iz-zmien ma kienux qed jiehdu urine tests. F'Awwissu 2020 regghu bdew jiehdu l-urine tests . Qalet li fit-23 ta' Settembru 2020 hija ghamlet test fuq il-urine ta' Ruth Spiteri u dan ta rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga Kokaina. Fil-fatt tghid li Spiteri qaltilha li kellha relapse. Hija tatha 21 appuntament b'kollox izda attendiet ghal disgha minnhom biss. Fid-29 ta' Settembru 2020 tat kampjun tal-awrina iehor u dan ukoll ta rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga kokaina. Qaltilha biex terga tattendi ghal gimgha ta' wara izda din naqset li taghmel dan. Mit-tmien testijiet li haditilha rrizulta li sitta minnhom taw rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga kokaina.

Nhar is-26 ta' Ottubru, 2021 l-Ufficcjal tal- Probation regghet xehdet u spjegat li Spiteri ma kienitx qed tikkopera mal-ufficcjal tal-probation u r-rizultati ghal kampjun tal-awrina dawn dejjem taw rizultat posittiv ghal tali presenza ta' droga . F'dan l-istadju l-appellata ipprezentat rizultat ta' test mehud minn Dr. Mario Scerri li ta rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Fil-fatt l-ufficcjal tal-Probation ipprezentat ir-

rizultat ta' dan it-test kif ukoll certifikat rilaxxjat minn Dr. Mario Scerri nhar is-26 ta' Ottubru 2021.

Fil-25 ta' Novembru 2021 l-Ufficcjal tal-Probation regghet xehdet u qalet li fit-3 ta' Novembru 2021 hija kellha appuntament ma Spiteri izda din waslet tard u ma setghetx tati kampjun tal-awrina taghha. Fid-19 ta' Novembru 2021 tatha kampjun tal-awrina izda r-rizultat kien wiehed negattiv ghal presenza ta' droga.  Insistiet maghha li l-ahhar darba li messet id-droga kien fl-14 ta' Ottubru 2021.

Fis-16 ta' Dicembru 2021 l-Ufficcjal tal-Probation regghet xehdet u spjegat li l-probationer Spiteri ma tantx qed turi interess maghha u fil-fatt lanqas tmur ghall-appuntamenti taghha. L-ahhar appuntament ma marritx u baghtet certifikat mediku mahrug minn Dr. Tonna u meta hija cemplet lil Dr. Tonna dan qalilha li fil-fatt Spiteri qaltlu li kellha dahra jugaghha u ghalhekk ma setghax jikkonferma jekk verament kienet indisposta jew le. Qalilha pero li Spiteri marret hi ghandu ghal vista.  B'hekk ma marritx ghall-appuntament li kellha mal-Ufficcjal tal-Probation.

Illi minn dan kollu jirrizulta bic-car li Spiteri ma hiex qed tghin lilha innifisha u l-ghan ta' l-Ordni tal-Probation ma hux qed jigi milqugh u dan ghaliex f'dan iz-zmien kollu minn meta inghatat originarjmaanet l-ordni u cioe mit-2 ta' Gunju 2020 sa illum ma gie registrat l-ebda progress. Mhux hekk izda kif konfermat l-istess Spiteri mal-Ufficcjal tal-Probation sal-14 ta' Ottubru 2021 kienet ghadha qed tabbuza mid-droga.

Ikkunsidrat:

Rat illi jirrizulta li nonostante t-twissija serja li kienet ghamlitilha din il-Qorti, Ruth Spiteri  kisret wahda mill-aktar kondizzjonijiet importanti tal-probation order li kienet intiza biex hi tehles mill-vizzju tad-droga u b' hekk forsi ma tibqax minaccja serja ghas-socjeta' billi tirrikorri  ghall-serq ripetut u hsarat volontarji apparti delitti ohra. Di  fatti

hija ma attendietx ghal diversi appuntamenti, naqset li taghti kampjuni tal-awrina taghha u meta tat il-kampjun taghha, rrizulta pozittiv ghad-droga Kokaina.

Illi dan in-nuqqas juri atteggjament ta' sfida fil-konfront tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li uriet fiducja fiha billi minnflok issentenzjatha ghall-piena karcerarja, jew tigi liberata kondizzjonatament jew inghatat sentenza ta' prigunerija sospiza jew, kif gara f' dan l-kaz, tpoggiet taht probation.

Ikkunsidrat:

Li din il-Qorti ghalhekk tara li hu l-kaz li tittratta ma' Ruth Spiteri kif jipprovdi l-artikolu 21 (2) tal-Kap. 446;

Ghalhekk rat mill-gdid l-akkuzi dedotta kontra Ruth Spiteri quddiem din il-Qorti u cioe' talli :

1. Fl-1 ta' Settembru, 2017 f' xi hin bejn is-06:30 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Solei, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk u dan ghad-dannu ta' Louis Grech u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzati aktar talli bejn is-06 ta' Settembru 2017 u t-08 ta' Settembru 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Selma, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta u dan ghad-dannu ta' Rabie Maloul u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Akkuzati aktar talli bejn il-11 ta' Settembru, 2017 u l-15 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 70, Triq Hida, Kappara, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Dr. Mario Cutajar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Akkuzati aktar talli bejn is-16 ta' Settembru 2017 u s-17 ta' Settembru 2017,m f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' erbgha cilindri tal-gass minn barra r-residenza 35, Petunia, Triq Tamal, San Giljan, u dan ghad-dannu ta' Claire McCoy u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Akkuzati aktar talli bejn is-17 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 14, Casa Fabriano, Triq ic-Cawsli, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 20, Triq Luigi Billion, Pembroke, ghad-dannu ta' Charles Vella u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 158, Trqi Luigi Billion, Pembroke ghad-dannu ta' Mario Calleja u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Akkuzati aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f' hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 23, Triq it-Trincetta, Mosta u dan ghad-dannu ta' Fortunata Attard Cassar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017 f' hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-

dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn 08:00 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 225, Triq William Harding, Pembroke u dan ghad-dannu ta' Vincent Preca u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, Il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. Akkuzati aktar talli bejn it-2 t' Ottubru, 2017 u t-3 ta' Ottubru, 2017, f' hin bejn 12:00 p.m. u 02:00 p.m. ikkommettew serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Gizimina, Triq Thomas Ashby, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Ruth Klotzer u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

13. Akkuzati aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f' xi hin bejn il-05:00 pm u s-06:15 pm ikkommettew serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq Josef Kalleya, Swieq liema serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Angelo Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' Ruth Spiteri esebita fl-atti a fol. 29.

Ikkunsidrat:

Qieset li meta din il-Qorti tat l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Ruth Spiteri hi riedet tkun zgura li din l-opportunita' li qed tinghatalha tittiehed bis-serjeta b' mod li tkun taf li jekk, bl-icken mod, tikser il-kondizzjonijiet tal-probation hija kienet ser ikollha tiffaccja ir-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti. Illi jinghad li din il-Qorti kienet pacenzjuza izzejjed mal-probationer ghaliex anke quddiemha stess wara li kienet saret id denunzja mill Ufficcjal tal-Probation regghet tatha *chance* tirriabilita ruhha izda ma gharfitx tisfruxxi ruhha minn dik l-ordni .

Ghalhekk din il-Qorti kienet imponiet kondizzjonijiet fl-Ordni tal-Probation partikolarment l-kundizzjoni wahda (1) *li matul il-perijodu ta' probation il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb toqghod ghad-direttivi kollha tal Probation Officer u zzomm dak il-kunttt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-probabtuoin mahtur lilha* u l-kundizzjoni numru hamsa (5) *li hija kellha toqghod ghal kul programm, ordni inizjattiva u/jhew direttiva tal Ufficcjal tal Probabatiob intiza li jghinuha beix ma tergax tirrepeti ir reat jew tikkometti reati ohra inkluz li tircievi kul ghajnuna inkluz biex tgheleb il-vizzju ta droga.*

Jidher car li l-hatja ma indirizzatx il-vizzju mishut taghha ta' abbuz ta' droga u naqset li zzomm il-kuntatt regolari li gie ordnat lilha.

Illi minkejja dan l-isforz tal-Qorti biex Ruth Spiteri tinghata opportunita' biex tirriforma ruhha, jidher issa li l-fiducja li din il-Qorti uriet fiha kienet infondata, w konsegwentement din il-Qorti ma jibqalhiex ghajr li tapplika r-riguri shah tal-ligi Kriminali kontra din il-hatja.

Ghal dawn il-motivi qed tiddisponi minn dan l-kaz billi a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap 446, wara li kkonstatat li Ruth Spiteri kisret mill-inqas zewg kondizzjonijiet ewlenija tal-Ordni tal-Probation tat-2 ta' Gunju 2020 maghmul minn din il-Qorti, qed tittratta mal-probationer ghar-reati li dwarhom hi kienet tpoggiet taht probation bil-mod kif

il-Qorti tista' titratta l-hatja li kieku kienet ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal-dawk ir-reati a tenur tas-subartikolu (2) tal-art. 21 tal-Kap. 446 u fil-waqt li terga tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-akkuzi kolha fuq riprodotti li sar bis-sentenza taghha tat-2 ta Gunju 2020 tirrevoka l-Ordni tal-Probation maghmul bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija, u wara li rat l-artikoli kollha tal-ligi relattivi u senjatament, l-art. 17,18, 49, 50 258, 261 (b) (c ), 263 (a), 267, 279 (b), 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-art. 7, 21 u 23 tal-Kap.446, tikkundanna lil Ruth Spiteri ghal erbgha (4) snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu li hija ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dan il-kaz.

Inoltre a tenur tal-Artikolu 22 tal-Aap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tibghat lil Ruth Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kienet tat-sentenza biex ma tghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur prigunerija u sabiex tara jekk hux il-kaz li ghandha tittratta maghha ghar-reati li dwarhom kienet inghatat dik is-sentenza, b' kull mod li setghet titratta maghha li kieku kienet ghadha kemm giet dikjarata hatja minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur